2025/1068

2.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1068

tat-28 ta' Mejju 2025

dwar ir-reġistrazzjoni tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Pulpo Seco de Adra" (STG) fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 64(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-applikazzjoni ta' Spanja għar-reġistrazzjoni tal-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Pulpo Seco de Adra", li l-Kummissjoni kienet irċeviet qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/1143, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/1143, li hija applikabbli għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 90(6) ta' dak ir-Regolament.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Pulpo Seco de Adra" tiddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċjalità tradizzjonali garantita "Pulpo Seco de Adra" (STG) hija b'dan imdaħħla fir-reġistru tal-Unjoni tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti msemmi fl-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

([1]) ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj).
([3]) ĠU C, C/2025/779, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/779/oj.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN